MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2004

Appell Civili Numru. 21/2003

**Michael Axisa ghan-nom ta' Lay Lay Co. Ltd.**

**vs**

**L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**
**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-appell tas-Socjeta Lay Lay Co. Ltd. datat 3 ta' Settembru 2003 a fol. 2 fejn gie premess:-

Illi permezz ta' l-appell numru ECF 1354/97 biex tieqaf u ta' twettiq datat 15 ta' Gunju 1999 fir-rigward ta' sit fi Triq Guzeppi Arena c/w Triq Joseph Gravina, Ghaxaq u li jghid: *"Ghandek zvilupp li jikkonsisti f'garages minghajr permess",* l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (Awtorita') esigiet li jieqaf immedjatament l-izvilupp fuq imsemmi, u kull haga titregga lura ghall-istat originali fiz-zmien 16-il gurnata;

Illi permezz ta' appell ipprezentat fil-5 Lulju 1999 l-appellant *noe* appella minn l-Avviz hawn fuq imsemmi, kif gej:

"*I am instructed by my client to appeal from the above enforcement notice in virtue of Section 15 (6) of the Development Planning Act 1992 on the following grounds;*

*The development is in fact covered by a valid permit in accordance with the policies and practice in force at the relative time.  An application was submitted on the 7 August 1984 bearing PB 3674/84 in your records.  Plans were approved.  The contribution bill was paid on the 14 December 1992 (receipt attached marked Doc. "A");*

*Upon payment, the Contribution Section gave the necessary clearance Number 42/92 in your records for the permit to be issued;*

*Without prejudice to the above reference is made to client's protest filed in the First Hall Civil Court on the 15 June 1999 (copy attached marked Doc. "B") and to the various correspondence by the same to the Planning Authority regard the above development;*

*In view of the above my client requests that said enforcement notice be withdrawn";*

Illi r-risposta tal-Awtorita' pprezentata fit-13 ta' Lulju 1999 kienet tghid hekk:

*"Illi minkejja r-ragunijiet moghtija fl-appell, jirrizulta li fis-sit in kwistjoni fid-data tal-hrug tal-avviz ta' twettiq, kien hemm zvilupp bla permess li jikkonsisti fi garages, liema garages saru bla permess u dan kif sejjer jigi ppruvat matul is-smiegh tal-kaz quddiem il-Bord;*

*Illi kuntrarju ghal dak li qed jinghad jirrizulta li permess qatt ma kien mahrug.  Anke' jekk ghall-grazzja tal-argument sar xi hlas ta' kontribuzzjoni, dan ma jfissirx li kien hemm permess validu.  Di fatti fattwalment jirrizulta li*

*permess validu qatt ma kien hemm u ghalhekk kellhom jittiehdu l-passi odjerni;*

*Illi bla pregudizzju ghas-suespost ghal kull bon fini dwar li sar il-hlas tal-kontribuzzjoni li ghaliha ghamel referenza l-appellant jigi rilevat li kont ghal hlas tal-kontribuzzjoni nhareg fin-1986 u hlas sar fin-1992 snin wara u li ghalhekk peress li sar tardivament ma kienx validu;*

*Illi ghaldaqstant l-esponenti filwaqt li jirriserva li jipproduci x-xhieda u d-dokumenti kollha relattivi ghal kaz odjern, bir-risposta jitlob li dan il-Bord jogghobu ghar-ragunijiet premessi jichad u jikkonferma l-istess avviz bl-ispejjez kontra l-appellant, u dan minghajr prejudizzju ghal kull eccezzjoni preliminari dwar in-nullita' o meno tal-istess appell u partikolarment it-terminu f' meta saru l-hlas relattiv";*

Illi permezz tas-sentenza tal-20 tal-Awissu 2003 il-Bord cahad l-appell hawn fuq imsemmi u jikkonferma l-Avviz biex tieqaf u ta' twettiq Nru ECF 1354/97 mahrug fil-konfront tal-appellant noe, u ordna illi l-avviz m' ghandux jibda jsehh qabel sittax-il (16) gurnata mid-data tal-istess sentenza;

Illi l-appellant hass ruhu aggravat b'tali sentenza u qieghed jinterponi umli appell;

Illi l-appellant hass ruhu aggravat b'tali sentenza u qieghed jinterponi umli appell;

Illi l-aggravji huma cari u manifest u jikkonsisti fis-segwenti;

A. Qatt ma kien hemm rifjut validu tal-applikazzjoni orginali.

1. Il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fis-sentenza tieghu tal-20 ta' Awissu qieghed jikkonsidra l-applikazzjoni fuq imsemmija rifjutata*: "……. Kien rikjest permess ta' zvilupp, liema permess kien gie rifjutat".* L-esponent jissottometti bir-rispett illi din hija interpretazzjoni zbaljata tal-Bord tal-

Appell. It-talba originali cioe’ applikazzjoni PAB 202/99 ghall-hrug tal-permess in kwistjoni qatt ma giet rifjutata. L-esponent qatt ma rcieva rifjut u lanqas jirrizulta mill-file relattiv rifjut tal-permess. Interpretaazjoni mill-Bord tal-Appell tal-ittra mibghuta mill-Manager ta’ Development Control Unit (DCU), Gorg Cilia, lill-Perit Catherine Galea datata 7 ta’ Ottubru 1996, hawn annessa Dok. “A”, bhala rifjut tal-permess relattiv, tikkostitwixxi interpretazzjoni zbaljta tal-ligi li titlob illi rifjut ta’ applikazzjoni trid tohrog mill-MEPA (qabel l-Awtorita’ tal-Ippjanar) nnifsa. Jinghad illi d-direttur ta’ Awtorita’ m’ ghandux il-poter li jirrifjuta (jew li japprova) applikazzjoni ghall-hrug ta’ permess u ghalhekk l-ittra fuq imsemmija qatt ma’ tista’ titqies bhala rifjut validu tal-applikazzjoni u skond il-ligi;

Illi l-Awtorita tal-Ippjanar stess qatt ma qieset din l-applikazzjoni rifjutata tant hu hekk illi saru diversi laqghat dwar l-applikazzjoni fuq imsemmija bejn l-istess Gorg Cilia, l-appellant, il-Perit Catherine Galea u Dr. Noella Grima LLD u dan wara li ntbaghtet l-ittra ta’ 7 ta’ Ottubru 1996 fuq imsemmija, kif jirrizulta mill-ittra datata 17 ta’ Frar 1999 u mill-Protest datat 15 ta’ Gunju 1999 kopji hawn anessi Dok. “B”. Li kieku l-istess applikazzjoni kienet rifjutata, x’ kien l-iskop ta’ dawn il-laqghat?

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-(B) hawn tant, interpretazzjoni tal-ittra datata bhala rifjut tal-permess tfisser ukoll illi l-Bord tal-Appell b’ mod indirett irrikonoxxa r-raguni moghtija ghaliex il-permess in kwistjoni ma setghax jinhareg, bhal raguni valida fil-ligi. L-esponent jissottometti bir-rispett illi anki fuq dan il-punt il-Bord tal-Appell ghamel apprezament zbaljat;

Illi l-appellant jissottometti illi l-Bord tal-Ippjanar kemm f’ kaz ta’ appell minn rifjut tal-applikazzjoni kif wkoll f’ kaz ta’ appell minn avviz ta’ twettieq bhal kaz odjern ghandu funzjoni ta’ *review* ta’ decizjonijiet amministrattivi mehuda mill-MEPA u ghalhekk ghandu l-obbligu mhux biss li jara jekk hemmx permess jew le; izda wkoll huwiex gust u korrett l-ipporcessar ta’ applikazzjonijiet ghall-hrug ta’ permessi. L-appellant jissottometti illi r-raguni moghtija minn Gorg Cilia ghaliex ma jistax jinhareg il-permess –

cioe’, ghaliex meta thallset il-*Contribution Fee* l-kont ghall-hlas tal-*Contribution Fee* ma kienx baqa’ validu *stante* illi l-hlas sar tardivament, hija bla bazi legali u nfondata. La l-ligi u lanqas il-kont ghall-hlas tal-*Contribution fee* ma jistipulaw zmien li fih ghandha tithallas il-*Contribution fee*. Fil-fatt kif jirrizulta mill-file relativ, fil-15 ta’ Mejju 1992 Joe Carabott li originarjament kellu sehem mill-art in kwistjoni, rcieva ittra ufficjali li permezz taghha gie mitlub ihallas il-*Contribution fee*;

Illi l-*Contribution fee* fil-fatt giet mhalsa mill-appellant u accetata mill-Awtorita’ tal-Ippjanar fil-14 ta’ Dicembru 1992, u harget il-*clearance* numru 42/92 mill-*Contribution Section.* Kif xehed Joe Galea: *“Fl-istudju tal-hlas tkun harget l-approvazzjoni tal-PAPB”;*

Illi kif diga’ sottomess quddiem il-Bord tal-Appell mhux minnu illi l-hlas *da parte* tal-esponent saret snin wara li ntalab ihallas u dan kif l-esponent se jipprova waqt it-trattazzjoni tal-appell odjern. *In oltre* jekk kien hemm xi decizjoni biex ma jigi accettat il-hlas tal-*Contribution fee* din kienet decizjoni interna li qatt ma gie mgharfa lill-appellant, anzi l-istess Awtorita’ accetta u ghadha sal-lum taccetta l-hlas tal-*Contribution fee* li qatt ma saret rifuzjoni tal- *Contribution fee* mhallsa mill-esponent;

B. Approvazzjoni tal-PAPB;

Illi l-applikazzjoni originali numru 202/99 giet prezentata fis-7 ta’ Awissu 1984 da parti ta’ certu Joe Carabott li kien is-sid tal-art in kwistjoni, li originarjament kienet tappartjeni lill-appellant u Joe Carabott. Michael Axisa ghan-nom ta’ Lay Lay Co Ltd f’ Settembru tal-1985 akkwista sehem Carabott u ghalhekk sar l-uniku proprjetarju tas-sit. L-istess applikazzjoni kienet approvata mill-PAPB waqt Board Meeting Numru 53 tal-10 ta’ Lulju 1986. Fil-fatt kif jirrizulta mill-file relattiv, kienu tlestew 5 kopji tal-Form TH (cioe’ l-kundizzjonijiet tal-permess) biex jintbghatu lill-applikant, lill-perit, lill-*building inspector*, lill-*Contribution Section* u kopja ghall-file relativ;

Illi l-appellant jissottometti la l-Bord tal-Appell u lanqas id-direttur ta' l-Awtorita' qatt ma jistghu bidlu d-decizjoni fuq imsemmja tal-PAPB *stante* illi la l-Bord tal-Appell u lanqas id-direttur tal-Awtorita' m' ghandux gurisdizzjoni fil-konfront ta' decizjonijiet mehuda mill-PAPB u dan kif ben stabbilit fil-gurisprudenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell bhal fil-kaz ta' **"Charles Spiteri vs Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp"** deciza fit-3 ta' Dicembru 1993;

Illi ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi u ghal dawk li jigu sottomessi waqt it-trattazzjoni tal-appell, l-esponenti filwaqt li taghmel referenza ghall-provi kollha ga prodotti u tirriserva li ggib il-provi l-ohra kollha ammissibli skond il-ligi u li taghmel sottomissjonijiet u osservazzjonijiet uleterjuri, titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogghobha thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar tal-20 ta' Awissu 2003 u tilqa' l-Appell tal-esponent bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, datata 25 ta' Settembru 2003, a fol. 12 li permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-file tal-Bord tal-Appell fl-ismijiet Michael Axisa ghan-nom u in rapprezentanza ta' Lay Lay Co. Ltd. kontra Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar deciz mill-Bord.

Rat ir-risposta ta' l-appell tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar a fol 15, 16, 17, 18 u 19 tal-process fejn sostna li:-

1 Illi preliminarjament jigi sottomess illi dan l-appell m' huwiex qed isir minn punt ta' ligi kif jirrikjedi l-**Artikolu 15 (2) tal-att dwar l-Izvilupp ta' l-Ippjanar** li jghid hekk:

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri)";*

Illi dan il-principju, jigifieri li l-interpretazzjoni tal-ligi maghmula mill-Bord m' hijiex sindakabbli, kien konfermat regolarment mill-gurisprudenza ta' din l-Onorabbli Qorti kif

presjeduta, fosthom **"Zaren Camilleri vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (Deciza fit-28 ta' Frar 1997 mill-Qorti tal-Appell) fejn il-Qorti qalet illi:

*"Johrog car minn din id-dispozizzjoni (u cioe' l-**Artikolu 15 (2) tal-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp**) li l-gurisdizzjoni li nghatat lil din il-Qorti li tissindika l-operat tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, tikkoncerna biss u esklussivament, kwistjonijiet dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord. Ghalhekk huwa eskluz kull appell fuq kwistjonijiet ta' fatt. U biex appell fuq punt ta' dritt ikun ammissibli, l-istess punt ta' dritt irid ikun deciz mill-Bord fid-decizjoni. Fi kliem iehor biex ikun hemm lok ghall-appell quddiem din il-Qorti ma jridx ikun hemm fid-decizjoni appellata semplici applikazzjoni ta' ligi ghall-fatti tal-kawza jew semplici enuncjazzjoni ta' xi ligi, izda invece irid ikun hemm kwistjoni ta' dritt li holqot vertenza jew diskussjoni li l-bord ikun applika l-attenzjoni tieghu fuqha billi trattaha debitament u ddefiniha fid-decizjoni li jkun ta";*

Illi l-appell jittratta fuq avviz ta' enfurzar numru ECF 1354/97 minhabba li kienu nbnew xi garaxxijiet f' Ghaxaq minghajr permess;

Illi l-appellant qed isostni li huwa kellu permess validu fuq applikazzjoni li kien ghamel quddiem il-PAPB bin-numru PB 3674/84. Illi ghalkemm il-MEPA m' hijiex is-successur tal-PAPB, wiehed irid jiccara l-procedura kif kienet dak iz-zmien;

Illi meta tidhol applikazzjoni, din tigi *'vetted'* biex jaraw illi d-dokumenti kollha qeghdin hemm. Wara tmur ghand il-*'plotters'* sabiex jaraw ezattament is-sit fejn qiehed u hemmhekk jidentifikaw jew is-sit jintabx barra jew gewwa miz-zona tal-izvilupp. Jekk ikun hemm bzonn, l-applikazzjoni tmur ghand entitatijiet ohra fi hdan il-PAPB bhal per ezempju l-*Environment Management Unit* (pero' dan ma kienx il-kaz). Isir ir-rapport tal-*'case officer'* li jidentifika l-*policy constraints* jew jghid illi l-applikazzjoni ma tmurx konta l-*policies.* Finalment jaghti *recommendation for approval* jew *recommendation for dismissal.*

Illi l-PAPB imbaghad jghaddi biex jaghti d-decizjoni tieghu. Din tista tkun fin-negattiv jew pozittiv jigifieri *granted* jew *dismissed* jew jaghti rakkomandazzjoni biex il-permess jinghata pero' bl-approvazzjoni finali tal-Ministru responsabbli jew tac-Chairman jew fil-kaz *de quo* tad-delegat tieghu;

Illi huwa mportanti hafna li sa dan l-istadju, l-applikant ma jkunx jaf x' qed jigri ghaliex f' dawk iz-zminijiet ma kienx ikun hemm *public hearings.* Kollox kien jimxi b' mod amministrattiv. Il-permess kien ikun validu biss meta kien jintgaghat lill-applikant anke' jekk il-PAPB kien taha approvazzjoni tieghu precedentement;

Illi ghaldaqstant, jekk il-kontribuzzjoni thallset u l-*'Contribution Section'* taghat l-*'clearance'* taghha, dan m jfissirx li l-permess huwa approvat. Trid tigi segwita l-procedura kollha tal-applikazzjoni sabiex jista' wiehed jitkellem fuq permess;

Illi l-*Contribution Section* ticcertifika biss jekk il-hlas ghall-applikazzjoni sarx jew jekk sarx kollu, izda jekk ikun hemm xi mankanza legali bhal fil-kaz li l-hlas sar tard hafna, dan jarah ic-Chairman jew id-delegat;

Illi effettivament, f' dan il-kaz il-PAPB ma tax approvazzjoni imma *recommendation for approval* kif intqal fid-decizjoni tal-istess Bord f'pagna 4, tant hu hekk li kien ghad fadal l-approvazzjoni Ministerjali li din qatt ma giet;

Illi fil-kontro-ezami ta' Tony Cassar f' pagna 5 tad-decizjoni tal-Bord jirrizulta b' mod car illi l-applikazzjonijiet li ntwerew lilu u dan relattivament ghas-sit in kwistjoni, qatt ma nhargu l-ebda permessi fuqhom;

Illi ghalhekk il-Bord tal-Appell kien gust meta kkonkluda illi rigward l-applikazzjonijiet msemmija mill-appellant, dan ma kienx jidher illi kien hemm xi permessi mahruga f' ismu *stante* li dan gie ampjament ippruvat mix-xhieda tas-

Segretarju tal-PAPB stess li kien il-persuna illi jkun l-ahhar li jiffirma permessi qabel ma dawn jintbaghtu lill-applikanti. Il-procedura tal-applikazzjoni saret b' mod korret u mhux kif qed jallega issa l-appellant li ma saritx sew. Huwa qatt ma qajjem dan il-punt quddiem il-Bord tal-Appell ghax li kieku forsi kien ikollu punt legali fuq x' hiex jappella minn dik id-decizjoni;

Illi izda l-appell odjern gie bbazat kompletament fuq evalwazzjoni li ghamel il-Bord tal-Appell fuq jekk hemmx permessi mahruga validament jew le u l-evalwazzjoni tieghu, li fl-umli opinjoni tal-esponenti hija gusta, ghalhekk ma tistax tigi attakkata mill-appellant ghax ma tikkostitwix punt ta' ligi deciza mill-istess Bord;

Illi l-Bord gustament kellu d-dover finali tiddeciedi jekk tikkonfermax jew le l-avviz ta' twettiq Nru. ECF 1354/97 fil-konfront tal-appellant. Illi gialadarba ma ngabet l-ebda prova rigward jekk kienx hemm permessi validi fuq is-sit, il-Bord ma kellux triq ohra hlief li jikkonferma l-avviz;

Illi ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, l-Awtorita' esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gia prodotti u tirriserva li ggib il-provi kollha permessi mill-Ligi, umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogghobha tichad l-appell interpost mill-appellant Michael Axisa u tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fid-decizjoni tal-20 ta' Awissu 2003 fl-ismijiet **"Michael Axisa ghan-nom ta' Lay Lay Co. Ltd. kontra l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar".**

Rat il-verbal datat 17 ta' Frar 2004.

Rat il-verbal datat 23 ta' Marzu 2004, fejn il-Qorti semghet lid-difensuri jittrattaw il-kaz. Il-Qorti ordnat li tigi nserita kopja tas-sentenza tal-Bord ta' l-Appell, fil-process. L-appell gie differit ghas-sentenza ghall-24 ta' Gunju 2004.

Rat id-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar minn fol. 22 sa fol. 26.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi dan huwa appell fuq l-istess zvilupp ta’ bini ta’ garages fi Triq Guzeppi Arena kantuniera ma’ Triq Joseph Gravina, Ghaxaq. Illi din id-darba l-appell sar wara l-hrug ta’ Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettiq Numru 1354/1997 mahrug ghaliex gie allegat li l-istess appellanti kellu zvilupp li jikkonsisti f’garages minghajr permess.

Illi fis-sentenza ta’ Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar datata 20 ta’ Awissu 2003 kienet cahdet l-appell quddiemha peress li sostniet li ma kienx hemm permess ghal izvilupp ta’ garages kif attwalment mibnija mill-istess appellanti, u dan wara li ezaminat il-files relattivi u x-xhieda kollha quddiemha.

Illi l-appell odjern jikkontesta dan *stante* li jghid li la darba qatt ma kien hemm rifjut validu tal-applikazzjoni allura ma jistax jinghad li l-istess zvilupp ma kienx kopert bil-permess, u fit-tieni lok jinghad li l-interpretazzjoni ta’ l-ittra datata 7 ta’ Ottubru 1996 mill-istess Bord kienet zbaljata *stante* li il-bazi ta’ rifjut ta’ permess ghar-ragunijiet indikati fl-istess ittra ma hijiex wahda legali.

Illi fl-opinjoni ta’ din il-Qorti dawn l-aggravji huma biss kontestazzjoni ta’ l-evalwazzjoni tal-fatti li kellu quddiemu l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar, u certament ma jikkwalifikawx bhala appell fuq punt ta’ dritt minn decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar abbazi ta’ **l-artikolu 15 (2) tal-Kap 356.**

Illi fil-fatt l-**artikolu 15 (2) ta’ l-Att Numru 1 tal-1992** jghid testwalment illi:-

*“Id-decizjonijiet tal-Bord ghandhom ikunu finali. Ghandu jkun hemm appell lill-Qorti ta’ l-Appell kostitwita skond l-* ***artikolu 41(6) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u***

***Procedura Civili** minn dawk id-decizjonijiet biss dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord fid-decizjoni tieghu. Appell minn decizjoni parzjali tal-Bord jista' jigi pprezentat biss flimkien ma' appell mid-decizjoni finali tal-Bord".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Francis Mugliett vs L-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, fil-31 ta' Mejju, 1996 inghad illi:-

*"Din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni li tissindika l-operat tal-Bord, biss u unikament in kwantu d-decizjoni jkun fiha punti ta' dritt li gew konsidrati u decizi fl-istess decizjoni. Il-ligi ma taghtix appell fuq kwistjonijiet ta' fatt decizi mill-Bord u lanqas ma hemm appell fuq punti ta' ligi sakemm il-kwistjoni ta' dritt ma tkunx giet dibattuta, trattata u definita fis-sentenza appellata. Fi kliem iehor, il-kwistjoni ta' dritt li fuqha persuna aggravata tista' tappella, trid tkun diga' qamet bhala kontroversja quddiem il-Bord u l-Bord ikun ikkonsidraha u ppronunzja ruhu fuqha fis-sentenza tieghu".*

Illi ukoll fil-kawza **"Emanuel Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Mejju, 1996 inghad ukoll illi:-

*"Din il-Qorti tista' tirrevedi <u>biss</u> kwistjonijiet dwar punti ta' dritt li jkunu decizi mill-Bord. Dan ifisser li m'hemmx appell fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi. M'hemmx dritt ta' appell lanqas fuq punti ta' ligi sakemm dawn ma jkunx espressament decizi fid-decizjoni appellata. Is-semplici applikazzjoni ta' xi disposizzjoni tal-ligi ghall-fatti li jkunu rrizultaw lill-Bord jew is-semplici ennunzjazzjoni ta' xi disposizzjoni lanqas ma jaghtu lok ghall-appell quddiem din il-Qorti. Biex l-appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata".*

Illi fl-istess imsemmija sentenza ta' **"Emanuel Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** inghad illi:-

*"Il-ligi tghid espressament fl-***artikolu 15 (2)** *li d-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar:*

*"punti ta' ligi decizi mill-Bord" (illum taqra hekk wara l-emendi li saru - punti ta' ligi decizi mill-Bord fid-decizjoni tieghu). Dwar dawn biss hemm appell lil din il-Qorti, li bosta drabi ddecidiet li meta l-legislatur juza' kliem bhal dan, ma hemmx dritt ta' appell fuq is-semplici applikazzjoni tal-ligi (li tigi citata fid-decizjoni appellata) ghall-fatti tal-kaz".*

Illi minn qari tad-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, wiehed malajr jikkonkludi li din ma fiha ebda investigazzjoni u decizjoni fuq xi punt ta' dritt. Illi pero' kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **"Avukat Dottor Pio M. Valletta vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (App.Nru; 318/00 – 28 ta' Gunju 2002);-

*"Pero', din il-Qorti ltaqghet ma' diversi kazi ohrajn fejn il-fatti speci tal-kaz kienu gustament jippermettulha li taghti interpretazzjoni aktar wiesgha u liberali ghad-disposizzjoni li qed tigi konsiderata. Il-Qorti qieghda taghmel referenza ghal dawk il-kazi fejn punt legali jkun jista' jigi gustament dedott jew inferit li jkun gie deciz mill-Bord, mill-assjem tad-decizjoni appellata stess, nonostante li l-istess punt legali ma jkunx gie espressament deciz fid-decizjoni appellata tal-Bord."*

Illi f'dan il-kaz ma jidhirx li l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar gie mitlub sabiex jikkonsidra xi kwistjoni legali, anke jekk wiehed juza l-interpretazzjoni liberali addottata fl-ahhar sentenza fuq citata.

Illi fil-fatt fid-decizjoni kollha ta' l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar sar valutazzjoni tax-xhieda u files sottomessi u ghad-disposizzjoni ta' l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ipppjanar sabiex jigi stabilit jekk il-vantazzjoni ta' l-appellanti li kien hemm permess validu kinitx ippruvata jew le u fil-fatt l-istess Bord qal li:-

*"jirrizulta ampjament lil dan il-Bord illi sar zvilupp fuq is-sit li m' huwiex kopert bil-permess u li ghalih kien rikjest*

*permess ta' zvilupp, liema permess kien gie rifjutat. Ma' ingabhet l-ebda prova dwar xi permess iehor jew illi l-appellant nomine kien qieghed jittenta jissanzjona tali zvilupp. Fin-nuqqas ta' dan, il-Bord ma jistax hlief jikkonferma l-avviz biex tieqaf u ta' twettiq mertu ta' dan l-appell".*

Illi hawn japplika dak li gie affermat fid-decizjonijiet **"Jospeh Muscat vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) 27 ta' Ottubru 2003) u wkoll fis-sentenza **"Jason Zammit vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (P.A. (RCP) 28 ta' Ottubru 2002) u cjoe' li:-

*"minn qari ta' dan il-paragrafu konkludenti, jindika minghajr ebda l-icken hjiel ta' dubju, li fih il-Bord ghamel apprezzament tekniku ta' fatti li rrizultawlu, ……..., u ma ddecieda l-ebda punt ta' ligi……"*

Illi ghalhekk fuq dan il-punt biss din il-Qorti tinnota li l-istess sentenza tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar kull ma ghamlet kienet biss li abbazi ta' dak li rrizulta mix-xhieda moghtija u l-atti processwali quddiema ddeterminat jekk l-appellant kellhux permess validu ta' zvilupp kif minnu allegat, u sabhet li in verita' tali permess ma kienx jezisti, u certament li dawn il-konsiderazzjonijiet ta' fatt kienu fil-kompetenza esklussiva ta' l-istess Bord, u li dwar l-istess konstatazzjonijiet ta' fatt certament ma hemm l-ebda bazi ta' appell quddiem din il-Qorti.

Illi ghalhekk dan l-appell ghandu jigi michud *stante* li ma sarx abbazi ta' l-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356.**

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjonijiet indikata fir-risposta ta' l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 19 ta' Novembru 2003, **tichad l-appell tas-socjeta' appellanti fir-rikors taghha datat 3 ta' Settembru 2003** *stante* li mhux permissibbli abbazi ta' l-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356 tal-Ligijiet ta' Malta** u ghlahekk null u infondat legalment u ghalhekk tikkonferma d-decizjoni appellata

tal-Bord ta’ l-Appell Dwar l-Ippjanar datata 20 ta’ Awissu 2003 fl-ismijiet **“Michael Axisa ghan-nom ta’ Lay Lay Co. vs L-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar”** (ECF1354/97).

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess socjeta’ appellanti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------